**4 ta' Mejju, 1994**

**Imħallfin:-**

**S.T.O.Prof. Guseppe Mifsud Bonniċi LL.D. – President.**
**Onor Joseph D. Camilleri, B.A., LL.D.**
**Onor Joseph A. Filletti LL.D., A.R.Hist.S**

L-Avukat Dottor Stephen Thake bħala Segretarju u għan-nom tas-Soċjetà Laferla Insurance Services Limited u din in rappreżentanza tad-

ditta estera assikuratriċi Crowe Motor Policies at Lloyds u din kif tinsab surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurata tagħha, Carmen Peresso, sija bil-polza u sija bil-liġi.

*versus*

Fabian Saliba.

## "Occhio" tal-kawża – Żball – Korrezzjoni – Stadju ta' Appell

*Il-Qorti ta' l-Appell, fit-termini ta' l-art. 175 tal-Kap. 12, għandha l-fakoltà li tikkorreġi kull żball li jirriżulta f'kull att li jiġi ppreżentat wara s-sentenza ta' l-ewwel istanza, imma din il-fakoltà ma testendix sas-sentenza li tkun appellata quddiemha.*

*Il-Qorti ta' l-Appell tista' żżid il-partijiet in kawża fil-każ biss meta xi waħda mill-partijiet tmut fil-mori ta' l-appell u l-atti jiġu trasfużi f'isem minn huwa interessat f' dik l-eredità, jew f'isem kuraturi deputati jirrappreżentaw l-eredità, tal-parti li tkun mietet.*

Il-Qorti: –

1. Dan huwa appell minn sentenza li l-occhio tagħa huwa fedelment riprodott hawn fuq;

2. Jirriżulta però illi, dan l-"occhio" ma jirreġistrax l-atturi kollha li ppreżentaw iċ-ċitazzjoni u jonqos:-

"....l-istess Carmen Peresso u David Curmi għan-nomi tas-soċietà asskuratriċi Middle Sea Insurance Co. Ltd. kif din, flimkien ma' l-attur l-ieħor dottor Stephen Thake nomine tinsab

surrogata fid-drittijiet ta' l-imsemmija Carmen Peresso", kif hemm imniżżel fl-istess ċitazzjoni;

3. In-Nota ta' l-Apell, kif ukoll il-petizzjoni, saru mill-atturi kolla, mentri s-sentenza appellata ma tinkludix, bħala parti in kawża, lill-kumpanija **Middle Sea Insurance Co. Ltd.**;

4. Il-partijiet in kawża, fis-sistema tagħha, jirriżultaw mill-"occhio" ta' l-istess, fis-sens illi s-sentenza li tingħata tagħmel stat u torbot **biss** lil dawk il-persuni li jkunu msemmija fl-occhio li bih tibda kull sentenza billi hemm jiġi ddikjarat min huma l-persuni li l-qorti tikkonsidra bħala l-partijiet li fil-konfront tagħhom qed tippronunzja d-deċiżjoni tagħha, li huma l-persuni li huma marbutin b'dak il-pronunzjament;

5. Is-sentenza appellata, fl-occhio ma tinkludix bħala attriċi lill-kumpanija Middle Sea Insurance Co. Ltd., li però ppreżentat Nota u Petizzjoni ta' Appell;

6. Din il-Qorti, fit-termini ta' artikolu 175 Kap. 12, għandha l-fakoltà li **tikkoreġi** kull żball li jirriżulta f'kull att li jiġi ppreżentat **wara** s-sentenza ta' l-ewwel istanza, imma din il-fakoltà ma testendix sas-sentenza li tkun appellata quddiemha. Il-Qorti ta' l-Appell tista' żżid il-partijiet in kawża fil-każ biss meta xi waħda mill-partijiet tmut fil-mori ta' l-appell u l-atti jiġu trasfużi f'isem min huwa interesat f'dik l-eredità, jew f'isem kuraturi deputati li jirrappreżentaw l-eredità tal-parti li tkun mietet;

7. F'sentenza riċenti ta' din il-Qorti ta' l-14 ta' Frar, 1994, fl-ismijiet Maurice Mifsud Bonniċi noe – vs – Edgar Bonniċi Cachia, intqal hekk:-

"*Meta jkun hemm bidla fir-rappreżentanza* tal-parti in kawża, u din ma tiġix riflessa fl-atti, normalment, dan in-nuqqas ma jġibx sanzjonijiet ta' nullita' ta' l-atti għaliex bidla fil-persuna tar-rappreżentant ma taffettwax il-partijiet fil-kawża..;

Hawnhekk, però, id-difett, li ma jistax jissewwa fis-sentenza, qiegħed, fl-omissjoni mill-occhio ta' "Stephen Micallef f'ismu proprju u in rappresentanza ta' Inter Commercial Interprises Limited", billi dawn saru partijiet in kawża bis-saħħa ta' digriet tat-8 ta' Ottubru, 1986, u s-sentenza appellata trid tagħmel stat fil-konfront tagħhom ukoll...;

u minħabba dak in-nuqqas fis-sentenza appellata, din kellha tiġi annullata;

8. Għaldaqstant, f'dan il-każ ukoll, billi s-sentenza appellata ma ġietx ippronunzjata fil-konfront tal-partijiet kollha fl-istess kawża, m'hemmx rimedju ieħor ħlief li l-istess sentenza tiġi annullata u l-atti jintbagħtu lura quddiem l-ewwel Qorti sabiex din tagħmel *dak li jidhrilha* neċessarju;

9. L-ispejjeż ta' dan l-appell jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.